KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 79

**L-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dott. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

79.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

79.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

79.2.2 Il-Kunsillier Bugeja proponiet li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Fenech issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 79.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

79.3.1 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera kollha li għoġobhom jattendu għall-konferenza stampa li saret aktar kmieni dakinhar fejn ġie varat ktejjeb tar-ritratti dwar il-lokalità u li għaliha kien attenda l-Onor. Silvio Parnis.

79.3.2 Is-Sindku informa li wara li kienet saret il-laqgħa mal-assoċjazzjoni tal-muturi, dawn kienu għaddew kontro-proposta fejn talbu li l-kera tkun ta' €2000 fis-sena, €1000 kull sitt xhur jitħallsu bil-quddiem. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għaldaqstant is-Sindku se jieħu ħsieb jinfurmahom lura filwaqt li huwa u s-SE se jkunu qed jiffirmaw il-kuntratt f'isem il-Kunsill.

79.3.4 Is-Sindku informa li kien iltaqa' mal-manager tal-fergħa tal-HSBC tar-Rabat u ddiskutew affarijiet varji fosthom li dawn jagħtu *sponsorship* għal attivitajiet tal-Kunsill u li tiġi installata ATM fil-lokalità. Huwa informa wkoll li sadanittant kien kiteb ukoll lill-Ministru responsabbli mill-Finanzi biex iqajjem it-tentattiv tal-ATM. Dan aktar u aktar fid-dawl li llum l-Imtarfa hija komunità li dejjem qed tikber u li matul il-ġurnata jzuruha ħafna nies minn barra minħabba xogħol.

79.3.5 Hawnhekk il-Kunsill iddeċieda li jissospendi l-laqgħa għal ftit minuti minħabba li kienet ġiet l-artista li ħadet ħsieb tagħmel pittura bħala rigal għal Pumpherston. Bħala ġest ta' apprezzament il-Kunsill qabel li jagħtiha wkoll ktieb tar-ritratti li kien ġie varat aktar kmieni.

## 79.4 Approvazzjoni tal-*Business Plan 2018-2020*

79.4.1 Is-SE prezentat kopja tal-*Business Plan* li kien ġie *updated* mill-*accountant* tal-Kunsill u li kien ġie mibgħut permezz tal-*email*. Hija infurmat li fil-*business plan* kien tnizzel il-proġett tar-restawr tat-torri tal-arloġġ issa li kien ġie kkonfermat.

79.4.2 Il-*business plan* ġie approvat b'mod unanimu u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 79.5 Approvazzjoni tar-Risposta għall-*Management Letter*

79.5.1 Is-SE infurmat li kienet bagħtet kopja tar-risposta għall-*management letter* permezz tal-*email*. Kulħadd ikkonferma li kien qraha u għaldaqstant ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u s-SE.

## 79.6 Il-Bosk tal-Imtarfa

79.6.1 Is-Sindku informa li aktar kmieni dakinhar kien hemm is-seduta tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-permess tal-bosk. Dan kien ġie approvat.

79.6.2 Sadanittant is-Sindku informa li s-SE kienet marret fuq il-post ma' *Health and Safety Officer* u indika minn fejn jista' jsir l-għeluq biex il-bosk ikun sikur sakemm isiru x-xogħlijiet. Hija qed tikkoordina x-xogħol neċessarju biex isir *fencing* mill-aktar fis possibbli. Kien hemm qbil ukoll li għandu jitwaħħal xi tip ta' materjal biex ma jidhirx ix-xogħol għaddej warajh.

79.6.3 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex issir applikazzjoni lil TM dwar ix-xogħol ta' bankini fi Triq l-Imtarfa, faċċata ta' Anġlu Store.

## 79.7 Tneħħija ta' assi minn fuq l-inventarju

79.7.1 Is-SE infurmat li kien hemm numru zgħir ta' affarijiet li m'għadhomx jaħdmu u għaldaqstant talbet li jitneħħew minn fuq l-inventarju.

79.7.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Il-lista tinsab mehmuza.

## 79.8 ERDF.PA 5.0118 – *Reviving Malta's highest point: The Mtarfa Clock Tower*

79.8.1 Is-SE infurmat li wara numru ta' kommunikazzjonijiet mal-*Managing Authority*, kienet ġiet infurmata li l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet approvata.

79.8.2 Sadanittant kienet bdiet taħdem fuq *tender* għal servizz ta' *project management* u l-avviz tiegħu għandu jidher il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju.

79.8.3 Hija infurmat ukoll li l-Perit William Lewis kien bagħtilha t-*tender* tar-restawr tal-arloġġ imma kienet għadha trid taqrah u tiċċekkjah qabel tmexxi fuqu.

## 79.9 MTFLC/T.01/2018 – Bord tal-evalwazzjoni għat-*Tender* għas-servizz ta' *project management* għall-proġett tal-ERDF għat-torri tal-arloġġ

79.9.1 Għall-mistoqsija tas-SE dwar il-bord tal-evalwazzjoni kien hemm qbil li jkun hemm tliet Kunsilliera, ezattament is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Fenech.

## 79.10 Zjara ġewwa Pumpherston

79.10.1 Is-Sindku informa li sal-ġurnata kien hemm 49 persuna kkonfermata għaz-zjara f'Pumpherston. Kien fadal il-Kunsillier Anton Mifsud li kien għadu jrid jagħti risposta.

79.10.2 Hawnhekk daħal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-8:05pm.

79.10.3 Is-SE infurmat li kienet intbagħtet *pellet* b'affarijiet fosthom birra, kinnie, galletti, inbid, qubbajd u kotba biex jitqassmu bħala rigali lill-Kunsilliera, nies distinti u anke lil xi residenti li se jilqgħu lill-kontinġent mill-Imtarfa. Il-kumpanija kienet infurmat li l-*pellet* bl-affarijiet għandha tkun waslet ġewwa l-Iskozja sal-Ħamis 28 ta' Ġunju.

## 79.11 *Defaults* lill-kuntratturi

79.11.1 Is-SE infurmat li kienu qed jiġu propost li tingħata *default* lill-kuntrattur tal-knis kif ukoll lill-kuntrattur tas-*soft areas* minħabba nuqqasijiet li ġew innutati b'mod regolari.

79.11.2 Hija infurmat li permezz tal-*inspections* li kienu qed isiru kien ħareġ biċ-ċar li meta l-Kunsill qed jiġbed l-attenzjoni dwar xogħlijiet li ma sarux, dawn mhux dejjem kienu qed jiġu rimedjati fi zmien 48 siegħa skont ma jgħid il-kuntratt.

79.11.3 Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jingħataw *default*/penali skont kif stipulat fil-kuntratt individwali, aktar u aktar fid-dawl li s-SE, is-Sindku u l-Viċi Sindku diġà kienu għamlu laqgħat maz-zewġ kuntratturi u qed jintbagħtu emails kuljum bin-nuqqasijiet li jiġu nnutati, fejn dawn xorta waħda mhux qed jiġu osservati b'mod regolari.

## 79.12 Punti oħra

79.12.1 Is-SE infurmat li resident li għandu xatba fi Triq it-Torri tal-Arloġġ talab li ssirlu rampa biex ikun jista' jdaħħal il-vettura tiegħu fil-bitħa/garaxx. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

79.12.2 Is-SE infurmat li mid-DLG kienu infurmaw lill-Kunsilli Lokali li kienu rċevew ittra ta' terminazzjoni tal-kuntratt mill-GreenMT li s-servizz se jibqa' jingħata b'mod temporanju minħabba li l-operatur qed jikkontesta appell (li se jinstema' nhar is-17 ta' Lulju). Hekk kif jinqata' l-appell il-Kunsilli Lokali se jiġu notifikati dwar kif se titmexxa l-iskema.

79.12.3 Hawnhekk daħal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-8:30pm.

79.12.4 Is-Sindku informa li kemm il-periti kif ukoll l-Environmental Manager, Benjamin Camilleri, kienu tal-fehma li l-palm li hemm fil-*planters* ta' Triq il-Ġizi u Triq il-Ġilju għandhom jinqalgħu għaliex se jkomplu jagħmlu l-ħsara fil-planters anke jekk jitwessgħu. Għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jinqalgħu però possibbilment imqar tnejn minnhom għandhom jiġu mpoġġija f'xi *planter* aktar wiesgħa fil-viċin. Se jsir tentattiv biex l-oħrajn jitpoġġew fil-bosk.

79.12.5 Il-Kunsillier Mifsud informa li kellu talba biex jitneħħa l-parkeġġ ta' faċċata tal-ħanut tal-laħam fi Triq l-Imtarfa għaliex kien perikoluz għal min ħiereġ mill-grada. Kien hemm qbil li din għandha terġa' tiġi diskussa u preferibbilment ir-residenti għandhom jgħaddu petizzjoni lill-Kunsill għaliex zgur li se taffetwa l-parkeġġ diġà limitat li hemm fiz-zona.

## 79.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

79.13.1 IL-President informa li ma kienx hemm kommunikazzjonijiet x'jgħaddi.

## 79.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

79.14.1 Is-SE infurmat li wara li ntbagħtet l-*email* bl-aġenda u l-lista kien tpoġġa kont ieħor, dak ta' Eurobridge biex issir id-*delivery* tal-*pellet* bl-affarijiet lejn l-Iskozja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

79.14.2 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Bugeja ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

79.14.3 Is-SE infurmat li hemm bzonn kbir li jinxtara *filing cabinet* minħabba li dak uzat fil-prezent kien mimli u kien qed jizzarma biċċa biċċa. Hija prezentat 3 kwotazzjonijiet u kien hemm qbil li jinxtara l-aktar wieħed irħis.

79.14.4 Is-SE infurmat li kienu nġabu aktar kwotazzjonijiet għal *industrial garden shredder* però kienu jlaħħqu kwazi €6000 sabiex tinxtara waħda tajba. Hija ssuġġeriet li l-ewwel darba din tinkera biex wieħed jifhem anke l-kwantità u l-kwalità ta' zkuk li tieħu u mbagħad tittieħed deċizjoni. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-SE.

## 79.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

79.15.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 20 ta' Ġunju fis-7:15pm.

Konfermati, illum 20 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |